MINUTI

## GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

## SEDUTA NUMRU 18

IT-TLIETA 22 TA' DIĊEMBRU 2009 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' TENDERS

i Il-Minuti tal-Kumitat ta' l-Aġġudikazzjoni ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsill iddiskuta r-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Kumitat. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu m'għandu l-ebda oġġezzjoni għal-proposti pero' hemm bżonn li l-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq jirranġa l-affarijiet. Is-Sindku nfurmat li dwar il-Kuntratt ta' ġbir ta' skart hija tkellmet mas-Sur J. Attard tal-GreenMT u dan qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kuntratturi l-ġodda biex anke jiġi stabbilit work plan. Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tenders għal-embellishment tar-roundabout u l-photovoltaic panels qed isir rapport dwarhom mil-perit u l-inġinier li fasslu l-ispeċifikazzjonijiet. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għar-Rapport Finanzjarju li ġie ċċirkulat fil-laqgħat preċedenti. Dan ġie diskuss mil-Kunsill. Is-Sindku pproponiet li dan jiġi approvat. Il-Viċi Sindku ssekonda. Dan ġie approvat unanimament.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni biex nakkwistaw fondi mill-EU biex tiġi organizzata attivita kulturali mal-Kunsill ta' Ilioupoli ġiet aċċettata u l-Kunsill ingħata Euro9,628.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ struzzjonijiet biex is-Sibt 26 ta' Diċembru 2009 u s-Sibt 2 ta' Jannar 2010 l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsilli m'għandux jinfetaħ.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli…)

iv Il-Kunsill iddiskuta l-website tal-Kunsill u ġie deċiż li dik kurrenti ma tiġix mġedda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din diġa' qiegħda tidher bħala under construction. Is-Sindku nfurmat li t-tifel tagħha qed jaħdem fuq site aġġornata senza interessi u kif titlesta tiġi hosted bi prova. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

v Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal kommunikazzjoni li kien hemm mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar approvazzjoni biex jiġu mpjegati żewġ skrivani part time. Hija nfurmat li d-Dipartiment approva din it-talba.

vi Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għax-xogħlijiet tal-bankini u talbet li l-Kunsill japprova parti mill-pagamenti tal-konkos kif ukoll l-overtime tal-ħaddiema sa Diċembru 2009. Il-Kunsill approva.

vii Il-Kunsill iddiskuta l-proġett tal-Flood Relief u ġie deciż li nibgħatu l-kummenti li jidhru hawn taħt:

- Il-Kunsill qed joġġezjona li l-belvedere issir fejn indikat peress li din hija l-iktar parti frekwentata minn nies. Fil-post indikat hemm wkoll ir-rampa għal-persuni bi bżonnijiet speċjali u din jinżlu minnha ghal fuq il-blat u m'hemmx post ieħor fejn tista' ssir.
- Il-Kunsill qed jipproponi li l-belvedere tersaq lejn il-*water polo pitch* u ssir bejnu u bejn il-ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.
- Il-Kunsill qed jesiġi wkoll li l-belvedere isir bil-bolavostri pariġ il-promenade tax-Xatt.
- Il-Kunsill qed jitlob li meta jkun hemm tindif tal-mini l-ħmieġ ma jintremiex fil-baħar. Trid tingħata attenzjoni wkoll li meta jsiru x-xogħlijiet ma ssirx ħsara lix-xelters kemm fl-għalqa tal-Baruni kif wkoll dawk ta' taħt ir-Rampa

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli...)

viii Il-Kunsill unanimament approva l-massimu tal-performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-iskrivani.

iv l-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-MIB Managagement Services dwar permess biex żvilupp tal-bankina f'post għalipparkjar fi Triq il-Qoton. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma qabilx mal-proposta.

v Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal-Memo dwar il-Konferenza Nazzjonali: "Il-Familja … ilbieraħ, illum u għada" li diġa' ġiet iċċirkulata lill-Kunsilliera. Hija talbet li dawk il-Kunsilliera nteressati li jattendu jinfurmaw mill-ewwel lil-customer care unit biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv